

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “L-istat tad-dritt u l-impatt tiegħu fuq it-tkabbir ekonomiku”**(Opinjoni fuq inizjattiva proprja)**

(2020/C 429/03)

Relatur: **Jukka AHTELA**

Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	20.2.2020
Bażi legali	Artikolu 32(2) tar-Regoli ta' Proċedura
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali
Adottata fis-sezzjoni	20.7.2020
Adottata fil-plenarja	18.9.2020
Sessjoni plenarja Nru	554
Riżultat tal-votazzjoni	215/2/1
(favur/kontra/astensjonijiet)	

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1 Reċentement, l-istat tad-dritt kien taħt pressjoni kemm fl-UE kif ukoll 'il hinn minnha. Dan l-iżvilupp huwa ta' tħassib peress li għandu l-potenzjal li jimmina r-rispett għad-drittijiet fundamentali, kif ukoll il-valuri l-oħra stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-TUE.

1.2 Id-dgħajfien tal-istat tad-dritt se jaffettwa l-funzjonament tas-soċjetà, id-drittijiet fundamentali, is-soċjetà ċivili, kif ukoll l-ekonomija. Għalhekk, il-mistoqsija hija fejn dan it-tip ta' rigress jista' jwassal lill-UE u l-mudell ekonomiku u soċjali Ewropew.

1.3 Biex jiffunzjona tajjeb, is-suq uniku jeħtieġ li jibbaża ruħu fuq qafas legali trasparenti u stabbli li jkopri wkoll l-infurzar tar-regoli komuni, peress li l-qradi nazzjonali għandu jkollhom fiduċja li l-qradi fi Stati Membri oħra huma impenjati bl-istess mod biex jirrispettaw il-valuri li fuqhom hija msejsa l-UE.

1.4 Is-separazzjoni tal-poteri, u b'mod partikolari ġudikatura indipendenti li għandha l-poter li tirrieżamina l-imġiba tal-gvern, hija essenzjali għall-investment u t-tkabbir ekonomiku.

1.5 Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tagħmel sforzi biex tkejjel l-impatt ekonomiku tal-istat tad-dritt. Dan jinkludi li tiġi żviluppata sistema soda ta' kejl li tqis b'mod espliċitu l-parti sostantiva tal-istat tad-dritt kif ukoll il-parti proċedurali.

1.6 Bosta pajjiżi għandhom liġijiet li huma kompatibbli b'mod perfett mal-istat tad-dritt iżda jiġu infurzati b'mod imperfett. Għalhekk, huwa importanti li ssir enfasi fuq implimentazzjoni xierqa.

1.7 Il-KESE jilqa' l-isforzi tal-Kummissjoni Ewropea u ta' istituzzjonijiet oħra biex jiżviluppaw għodod xierqa bil-għan li jiġu difiżi l-valuri tal-UE u tiġi promossa kultura tal-istat tad-dritt. Madankollu, il-KESE jqis li l-effettività tal-għodod eżistenti, bħall-Artikolu 7 tat-TUE u l-qafas tal-istat tad-dritt u l-proċedura ta' ksur, it-Tabella ta' Valutazzjoni annwali tal-Ġustizzja tal-UE u l-Mekkaniżmu l-ġdid tal-Istat tad-Dritt, xorta jistgħu jittejbu u għandhom ikunu kkomplementati b'miżuri ffukati fuq l-istat tad-dritt, iżda immirati b'mod aktar effettiv lejn kunsiderazzjonijiet ekonomiċi.

1.8 Fis-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni għandha tenfasizza aktar malajr ir-rilevanza tal-istat tad-dritt bħala wieħed mill-elementi ewlenin li jirfed ekonomija kompetittiva u sostenibbli. Il-KESE jirrakkomanda li jinħolqu proċessi nazzjonali ta' revizzjoni ta' segwitu, li jinkludu rappreżentanti mis-soċjetà ċivili u l-imsieħba soċjali, u li l-involvement ġenerali tal-OSĊ u tal-imsieħba soċjali jiżjed matul il-proċess sħiħ tas-Semestru.

1.9 Il-proċess ta' rieżami annwali tal-istat tad-dritt tal-UE għandu jsir bl-aktar mod miftuħ possibbli għas-soċjetà ċivili. Is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea għandhom jiġu diskussi pubblikament kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak Ewropew, u għandhom jiġu segwiti minn miżuri speċifiċi biex jiġu indirizzati l-inċidenti u x-xejriet negattivi, inkluż għall-ekonomija. Is-soċjetà ċivili, inklużi l-imsieħba soċjali, għandha tkun involuta aktar mill-qrib u għandha tkun involuta wkoll fis-segwitu. Il-KESE ppropona forum annwali tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, li jikkontribwixxi għaċ-ċiklu ta' reviżjoni bir-rappreżentanza diversa tiegħu.

1.10 L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, kif ukoll il-midja, għandhom rwol kruċjali fil-pajjiżi fejn il-gvernijiet qed jitbiegħdu mill-istat tad-dritt. Dawn jippermettu li jsiru kontrokontrolli li jżommu lill-gvernijiet responsabbli. Il-KESE jitlob li jingħata appoġġ finanzjarju u sostantiv akbar lill-organizzazzjonijiet involuti fid-difiża u l-promozzjoni tal-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali.

1.11 Is-sħubija tal-UE hija siewja ħafna għall-membri kollha *sakemm jiġi ssanzjonat in-nuqqas ta' konformità mar-regoli bażiċi*. Jekk ma tapplika l-ebda sanzjoni, il-valur tas-sħubija għall-membri konformi kollha jitnaqqas.

1.12 Jidher li s-sensibilizzazzjoni dwar l-importanza kruċjali tal-istat tad-dritt kemm bħala valur fundamentali iżda wkoll bħala strumentali għat-tkabbir ekonomiku qed tonqos fost il-pubbliku f'bosta Stati Membri. Għalhekk, il-KESE jitlob li titnieda strateġija ta' sensibilizzazzjoni permanenti biex iċ-ċittadini tal-UE jiġu mwissija dwar kemm huwa kruċjali l-istat tad-dritt.

2. Introduzzjoni

2.1 L-istat tad-dritt huwa wieħed mill-valuri li fuqhom hija msejsa l-Unjoni Ewropea (Artikolu 2 tat-TUE) u huwa prekundizzjoni biex jinkisbu l-valuri l-oħra li l-Unjoni għandha l-għan li tippromovi⁽¹⁾.

2.2 Madankollu, reċentement l-istat tad-dritt kien taħt pressjoni kemm fl-Unjoni kif ukoll 'il hinn minnha. Dan l-iżvilupp qed jikkawża bosta problemi peress li jista' jfisser anqas rispettt għall-valuri l-oħra msemmija fl-Artikolu 2.

2.3 Din il-pressjoni għandha impatt fuq il-funzjonament tal-ġudikatura u l-fiduċja fiha. Implikazzjonijiet ulterjuri jinħassu mis-soċjetà ċivili bit-theddida li l-ġudikatura titlef ir-rwol tagħha bħala difensur u gwardjan tad-drittijiet fundamentali.

2.4 Kif innota l-KESE fl-Opinjoni⁽²⁾ tiegħu, "Ir-rispettt għall-istat tad-dritt jiżgura wkoll ċertezza legali u kundizzjonijiet ekwi għall-inizjattivi kummerċjali, l-innovazzjoni, l-investimenti u l-kompetizzjoni ġusta fis-suq intern għall-benefiċċju tal-konsumaturi u ċ-ċittadini".

2.5 Għalhekk, il-mistoqsija hija fejn dan it-tip ta' rigress jista' jieħu lill-mudell ekonomiku u soċjali Ewropew. Id-dgħajfen tal-istat tad-dritt jista' jaffettwa l-funzjonament tas-soċjetà, id-drittijiet fundamentali, is-soċjetà ċivili u l-ekonomija.

2.6 Jekk mhux se jitwaqqfu, it-theddid għall-istat tad-dritt u d-deterjorament globali tad-drittijiet fundamentali x'aktarx li se jaffettwaw b'mod negattiv il-fiduċja reċiproka li tirfed is-suq intern u b'hekk it-tkabbir ekonomiku fl-UE.

2.7 Fil-Komunikazzjoni⁽³⁾ dwar "It-tisħiħ tal-istat tad-dritt fl-Unjoni", il-Kummissjoni tirreferi għall-ħidma tal-OECD dwar l-importanza tal-istat tad-dritt għall-iżvilupp u l-klima globali tan-negozju u l-investment. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni bl-istess mod enfasizzat il-hteġa li tingħata aktar kunsiderazzjoni lill-aspetti ekonomiċi tal-istat tad-dritt.

2.8 L-injorar tal-istat tad-dritt ixekkel żvilupp ekonomiku u soċjali bbilanċjat f'konformità mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs), u l-insewiment tal-għan ġenerali tal-Unjoni "li tippromwovi l-paċi, il-valuri tagħha u l-benessri tal-popli tagħha" (l-Artikolu 3 tat-TUE). Il-promozzjoni tal-istat tad-dritt hija waħda mill-miri tal-SDG 16.

2.9 Fl-indirizzar tan-nuqqasijiet b'rabta mal-istat tad-dritt fl-UE, l-impatt fuq it-tkabbir ekonomiku ngħata anqas attenzjoni. Ir-riċerka tiffoka fuq l-impatt li l-governanza tal-istat u dik pubblika tħalli b'mod ġenerali fuq it-tkabbir ekonomiku, speċjalment fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Għalhekk, din l-Opinjoni tiffoka fuq l-impatt ekonomiku fuq l-istat tad-dritt fl-UE.

(1) Il-pożizzjoni hija kondiviża mill-Kummissjoni u ġiet iddikjarata b'mod espliċitu fil-qafas tal-istat tad-dritt tagħha (IP/14/237).

(2) ĠU C 62, 15.2.2019, p. 173.

(3) COM(2019) 343 final.

2.10 L-għan ta' din l-Opinjoni huwa li tgħin lill-partijiet interessati jifhmu li l-valuri Ewropej stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-TUE, minbarra l-valur intrinsiku tagħhom, jirrappreżentaw ukoll valur ekonomiku.

3. Id-definizzjoni tal-istat tad-dritt

3.1 Fil-livell Ewropew, l-istat tad-dritt huwa prinċipju stabbilit tajeb minqux fit-Trattati u bbażat fuq il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE), il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB), u l-Kunsill tal-Ewropa, kif ukoll fuq il-ħidma rilevanti tal-Kummissjoni ta' Venezja. L-istat tad-dritt jirrikjedi li l-poteri pubbliċi kollha jaġixxu fil-limiti stabbiliti mil-liġi, f'konformità mal-valuri tad-demokrazija u d-drittijiet fundamentali, u taħt il-kontroll ta' qrati indipendenti u imparzjali⁽⁴⁾.

3.2 Bl-ispeċifikazzjoni tal-komponenti individwali tal-istat tad-dritt, il-komponenti sostantivi jistgħu jiġu separati minn dawk proċedurali. L-aktar komponent bażiku u ċentrali tal-istat tad-dritt huwa l-ugwaljanza f'għajnejn il-liġi, jiġifieri l-kunċett li l-liġi tittratta lil kulħadd l-istess u tirreferi għas-sustanza tal-liġi.

3.3 L-ugwaljanza proċedurali f'għajnejn il-liġi hija kundizzjoni meħtieġa biex jinkiseb livell għoli ta' stat tad-dritt. Madankollu, dan ma huwiex biżżejjed, peress li l-ugwaljanza sostantiva u dik proċedurali huma meħtieġa t-tnejn. Huma meħtieġa għadd ta' komponenti proċedurali biex jiġi żgurat li t-test tal-liġi jiġi implimentat. Is-separazzjoni tal-poteri hija essenzjali peress li tgħin biex jiġi żgurat li l-gvern jibqa' wkoll fil-konfini tal-liġi. Il-ġudikatura se tkun tista' biss iżżomm il-poter eżekuttiv taħt kontroll jekk kemm l-imħallfin kif ukoll il-prosekuturi jkunu indipendenti miż-żewġ fergħat l-oħra tal-gvern.

3.4 Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġu ssalvagwardjati għadd ta' standards minimi fl-infurzar tal-liġi: kulħadd għandu jgħwadi d-drittijiet fundamentali, ikollu d-dritt għal proċess ġust, eċċ. Fl-aħħar nett, l-infurzar tal-liġi jeħtieġ li jkun imparzjali, jiġifieri li ħadd m'għandu jiġi ddiskriminat u li l-ġudikatura tkun ħielsa mill-korruzzjoni⁽⁵⁾. Skont l-Artikolu 2 tat-TUE, l-istat tad-dritt u d-demokrazija jimxu id f'id bħala valuri bażiċi.

4. Għaliex l-istat tad-dritt iwassal għat-tkabbir ekonomiku sostenibbli

4.1 It-tkabbir ekonomiku sostenibbli jtiqies li huwa wieħed mill-aktar indikaturi importanti tas-saħħa ta' ekonomija. Iż-żieda fit-tkabbir ekonomiku hija assoċjata maż-żieda fil-ġid ta' pajjiż u l-popolazzjoni tiegħu. Barra minn hekk, ekonomija tas-suq ma tistax tiffunzjona mingħajr regoli u proċeduri bażiċi, inklużi regoli dwar is-sjeda privata u t-trasferiment volontarju tas-sjeda (jiġifieri d-dritt kuntrattwali). B'mod aktar ġenerali, ekonomija tas-suq se tirnexxi biss abbażi ta' regoli stabbli u prevedibbli, kif rifless mis-suq intern u l-unjoni ekonomika u monetarja (UEM) bħala l-magni tal-ekonomija Ewropea.

4.2 It-tkabbir ekonomiku jimplika li maż-żmien se jsiru disponibbli aktar prodotti u servizzi fuq bażi per capita. L-uniku mezz biex dak jinkiseb huwa li tiżdied il-produttività. Dan, min-naħa tiegħu, jippresupponi investment kemm fil-kapital kif ukoll fl-edukazzjoni (imsejħa wkoll "kapital uman"). Għalhekk, biex nistabbilixxu rabta bejn l-istat tad-dritt u t-tkabbir ekonomiku, jeħtieġ li nistaqsu kif l-istat tad-dritt jista' jaffettwa l-propensità ġenerali biex isir investment.

4.3 L-investment, b'mod partikolari l-investment fit-tul, se jsir biss jekk l-investituri potenzjali jistennew li l-ambjent tal-investment se jibqa' prevedibbli u favorevoli tul bosta snin. L-istat tad-dritt għandu rwol kruċjali fil-kapaċità ta' gvern li joffri tali ambjent stabbli.

4.4 Poter eżekuttiv mingħajr restrizzjonijiet miż-żewġ fergħat l-oħra tal-gvern, dik leġislattiva u l-ġudikatura, jista' jagħmel bosta wegħdiet lil investituri potenzjali fir-rigward tal-libertà tagħhom li jiffissaw prezzijiet kif jixtiequ, li ma jiġux intaxxati ħafna (jew bl-ebda mod), li jittrasferixxu l-profitti lura fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom, eċċ.

4.5 Madankollu, gvern mingħajr restrizzjonijiet ma jistax jagħmel wegħdiet vinkolanti, jiġifieri jidhul f'impenji kredibbli. Is-separazzjoni tal-poteri, u b'mod partikolari ġudikatura indipendenti li jkollha l-poter li tirrieżamina l-imġiba tal-gvern u tirrispetta l-kuntratti privati hija essenzjali għall-investment u t-tkabbir ekonomiku.

4.6 Minbarra l-indipendenza tal-ġudikatura, l-imparzjalità tagħha hija essenzjali wkoll. Jekk l-imħallfin ikunu jistgħu jiġu soġġetti għal tixħim, allura, minflok ma jkunu bbażati fuq il-priċipji tal-istat tad-dritt, il-każijiet jiġu deċiżi favur il-parti li tkun tista' (u/jew tkun lesta) tħallas l-oġġla offerta ta' tixħim. Għaldaqstant, il-korruzzjoni mhijiex kompatibbli mal-istat tad-dritt.

⁽⁴⁾ Il-letteratura akkademika ta' spiss tiddistingwi bejn varjetajiet sostanzjali ("thick") u proċedurali ("thin"). Møller, J. (2018). *The advantages of a thin view in Handbook on the Rule of Law*, Edward Elgar Publishing, pp. 21-33 u Bedner, A. (2018) *The promise of a thick view in Handbook on the Rule of Law*, Edward Elgar Publishing, pp. 34-47.

⁽⁵⁾ Voigt, S. (2012) *How to measure the rule of law*, *Kyklos*, 65(2), pp. 262-284.

4.7 Jekk l-imħallfin jiddiskriminaw kontra ċerti gruppi, allura l-liġi ma tiġix applikata b'mod indaqs. Kwalunkwe tip ta' parzjalità se tagħmel l-ambjent legali anqas ċert, li mhux biss huwa mistenni li twassal għal livelli ta' investment ġenerali aktar baxxi iżda wkoll għal anqas tranżazzjonijiet. Għalhekk, il-qrati parzjali se jnaqqsu r-ritmu tat-tkabbir ekonomiku.

4.8 L-aċċessibilità tal-qrati hija fattur essenzjali ieħor. Jekk iridu jgħaddu bosta snin biex tittieħed deċiżjoni tal-qorti, dan jista' jkollu għadd ta' effetti detrimental fuq l-ekonomija: l-imsieħba kuntrattwali li jiksru l-kuntratt jistgħu jużaw il-qorti b'mod strateġiku jekk ikun magħruf b'mod komuni li deċiżjoni tal-qorti se tieħu żmien twil. Ġustizzja mdewma – kemm jekk tinvolvi dewmien fit-teħid tad-deċiżjonijiet u kemm jekk tinvolvi implimentazzjoni tardiva – tagħmel l-ikkuntrattar anqas attraenti, filwaqt li twassal għal anqas tranżazzjonijiet u preċiżament l-istess effetti bħal dawk ikkawżati min-nuqqas ta' ġudikatura indipendenti, kif ġie deskritt hawn fuq.

5. Kif għandu jitkejjel l-istat tad-dritt

5.1 Biex jiġu aċċertati l-effetti tal-istat tad-dritt fuq it-tkabbir ekonomiku, l-ewwel jeħtieġ li jkun jista' jitkejjel. Madankollu, dan mhuwiex faċli peress li huwa kunċett multidimensjonali u jeħtieġ li jittieħdu bosta deċiżjonijiet ta' kodifikazzjoni diffiċli, bħal jekk id-dimensjonijiet kollha għandhomx jingħataw l-istess importanza.

5.2 Xi wħud mill-miżuri bikrija kienu xprunati mid-disponibilità tad-data minflok minn suppożizzjonijiet derivati b'mod teoretiku. Għalkemm hemm korrelazzjoni għolja ħafna bejn l-aspetti sostanzjali u proċedurali tal-istat tad-dritt⁽⁶⁾, il-komponent sostantiv, l-ugwaljanza f'għajnejn il-liġi, ma jidherx fil-maġġoranza tal-indikaturi magħrufa aħjar tal-istat tad-dritt. Għalhekk, il-Kummissjoni għandha tiżviluppa sistema soda ta' kejl li tqis b'mod espliċitu l-parti sostantiva tal-istat tad-dritt kif ukoll il-parti proċedurali.

5.3 Kwistjoni oħra importanti dwar il-kejl hija l-mistoqsija dwar jekk id-dispożizzjonijiet *de jure* jew l-implimentazzjoni attwali tagħhom jiġux imkejla. Bosta pajjiżi għandhom liġijiet li huma kompatibbli b'mod perfett mal-istat tad-dritt iżda għandhom infurzar ineffettiv. Għalhekk, huwa importanti li ssir enfasi fuq l-implimentazzjoni.

5.4 Il-mistoqsija ta' kif għandhom jintużaw bl-aħjar mod il-miżuri disponibbli hija importanti wkoll. Minn naħa waħda, il-miżuri aggregati jistgħu jkunu utli biex tinkiseb l-ewwel impressjoni ta' dak li jkun qed jiġri f'pajjiż partikolari. Min-naħa l-oħra, jekk jintalab parir "azzjonabbli", jiġifieri analiżijiet li jista' jkollhom implikazzjonijiet diretti għall-politika, il-miżuri aggregati ma tantx ikunu siewja.

5.5 Minkejja d-diffikultà involuta, il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni Ewropea tesplora l-possibilità li tqis l-impatt ekonomiku tal-istat tad-dritt kemm fl-Istati Membri kif ukoll fil-pajjiżi kandidati, u possibbilment torbot dan maċ-ċiklu ta' rieżami tal-istat tad-dritt.

6. X'tgħid id-data eżistenti?

6.1 L-istudji bejn il-pajjiżi li janalizzaw l-effetti tal-istat tad-dritt fuq it-tkabbir ekonomiku wrew li, bħala medja, il-pajjiżi li jaderixxu aktar mal-istat tad-dritt jikbru aktar malajr mill-pajjiżi li jaderixxu anqas⁽⁷⁾. Dan ma jfissirx li l-pajjiżi individwali li ma jirrispettawx l-istat tad-dritt ma jistgħux jiksru livelli oġġla ta' tkabbir ekonomiku. Dawn huma msejħa "anomaliji" mill-ekonomisti. Tali każijiet huma possibbli u jsejħu iżda mhux se jsejħu bi frekwenza għolja.

6.2 Jeħtieġ li fil-valutazzjoni tal-effetti tal-istat tad-dritt fuq it-tkabbir ekonomiku, jitqiesu wkoll il-livelli rispettivi tal-introjtu. Jekk kollox jibqa' l-istess, il-pajjiżi li diġà jgawdu livell għoli ta' introjtu per capita għandhom it-tendenza li jsibuha aktar diffiċli biex jiksru rati oġġla ta' tkabbir mill-pajjiżi li jibdew minn livell aktar baxx. Din hija indikazzjoni tal-hekk imsejjaħ "effett ta' konverġenza".

6.3 Il-miżuri aggregati tal-istat tad-dritt mhumiex siewja ħafna biex jiġu identifikati l-kanali ta' trażmissjoni speċifiċi li permezz tagħhom dan jista' jaffettwa t-tkabbir ekonomiku. Din hija r-raġuni għaliex l-enfasi hawnhekk hija fuq għadd limitat tal-komponenti ewlenin tal-istat tad-dritt f'din it-taqsim.

⁽⁶⁾ Gutmann, J., & Voigt, S. (2018) *The rule of law: Measurement and deep roots*, European Journal of Political Economy, 54, pp. 68-82.

⁽⁷⁾ Din ir-relazzjoni kawżali hija waħda mill-punti ċentrali ta' sottodixxiplina msejħa Ekonomija Istituzzjonali. Diskussjoni avvanzata tas-suġġett tinsab fil-manwal ta' Acemoglu, D. (2008) *Introduction to Modern Economic Growth*, (Introduzzjoni għat-Tkabbir Ekonomiku Modern) Princeton University Press (mhux disponibbli bil-Malti); manwal għal dawk li mhumiex speċjalisti huwa: *Institutional Economics – An Introduction* (L-Ekonomija Istituzzjonali – Introduzzjoni) Cambridge University Press (mhux disponibbli bil-Malti).

6.4 Diġà ntwera hawn fuq li ġudikatura indipendenti tidher li hija kruċjali biex jiġi żgurat li l-gvernijiet jibqgħu fi ħdan il-limiti tagħhom iddefiniti b'mod kosittuzzjonali.

6.5 Fl-analiżi tal-effetti ta' indikaturi *de jure* u *de facto* tal-indipendenza ġudizzjarja b'mod separat, jirriżulta li d-dispożizzjonijiet *de jure* m'għandhom l-ebda effett fuq it-tkabbir ekonomiku. Min-naħa l-oħra, id-dispożizzjonijiet *de facto* huma marbuta b'mod qawwi ma' tkabbir ekonomiku aktar mgħaġġel⁽⁸⁾. It-titjib fil-livelli *de facto* tal-indipendenza ġudizzjarja għandu gwadann ekonomiku: il-pajjiżi li għamlu dan irċewew dividend żejjed, jiġifieri esperjenzaw tkabbir aktar mgħaġġel⁽⁹⁾.

6.6 Intwera li l-indipendenza ġudizzjarja u l-obbligu ta' rendikont ġudizzjarju huma komplementari, pjuttost milli jikkompetu ma' xulxin⁽¹⁰⁾. Għadd ta' garanziji ġudizzjarji, bħad-dritt għal avukat, jillimitaw il-libertà diskrezzjonali tal-imħallfin. Bħala tali, dawn jistgħu jiġu interpretati bħala li jiżguraw l-obbligu ta' rendikont ġudizzjarju. Huwa interessanti li ntwera li xi wħud minn dawn il-garanziji ma jwasslux biss għal obbligu ta' rendikont ġudizzjarju u, għaldaqstant, l-istat tad-dritt, iżda wkoll għat-tkabbir ekonomiku. Dan huwa l-każ fir-rigward tal-puntwalità tad-deċiżjonijiet tal-qrati, bil-proċeduri bil-miktub, għall-kuntrarju ta' dawk orali, u bid-dritt għal avukat⁽¹¹⁾.

6.7 Il-korruzzjoni mhijiex biss reat, iżda hija wkoll inkompatibbli mal-istat tad-dritt. Madankollu, huwa diffiċli ħafna biex titkejjel il-korruzzjoni. Peress li l-pagatur u r-riċevitur tat-tixħim normalment ma jkollhom l-ebda inċentiv biex juru li kien involut it-tixħim, huwa impossibbli li tinġabar data oġġettiva. Il-maġġoranza tal-letteratura bbażat ruħha fuq l-hekk imsejħa "perċezzjonijiet tal-korruzzjoni", jiġifieri l-evalwazzjoni suġġettiva ta' kemm hi mifruxa l-korruzzjoni f'pajjiż partikolari jew f'servizz pubbliku speċifiku.

6.8 Għalkemm jibqa' diffiċli li jintwera li l-korruzzjoni hija ta' detriment għat-tkabbir ekonomiku, indikazzjonijiet dwar dan issa jinsabu f'numru kbir ta' studji. Pereżempju, intwera li din tnaqqas l-investment⁽¹²⁾. Il-korruzzjoni għandha effetti distorsivi oħrajn: pereżempju tista' twassal għal baġits militari oġġla⁽¹³⁾. Din taffettwa wkoll l-istruttura tan-nefqa pubblika, bl-enfasi titbiegħed minn servizzi pubbliċi importanti bħas-saħħa u l-edukazzjoni lejn attivitajiet anqas produttivi⁽¹⁴⁾. L-OECD tiġbor fil-qosor studju riċenti b'dan il-mod: "... huwa ċar li l-korruzzjoni għandha impatt dirett fuq l-ispiża ta' proġett kemm għas-setturi privati kif ukoll għal dawk pubbliċi. L-effetti indiretti jinkludu l-ħsara lill-istituzzjonijiet pubbliċi, li ddgħajjef il-fiducia taċ-ċittadini fil-gvern tagħhom u b'hekk jonqsu l-inċentivi għall-innovazzjoni, u tiżdied l-inugwaljanza soċjali. Iżda dawn iżidu wkoll l-ispejjeż tan-negozju, taxxa fuq l-attivitajiet ekonomiċi, li mbagħad jiġu mgħoddija lill-utenti finali jew lill-konsumaturi tal-proġetti".⁽¹⁵⁾

6.9 Il-prosekuturi li huma kemm indipendenti kif ukoll responsabbli jwasslu għal livelli għolja tal-istat tad-dritt minħabba li r-reati se jitressqu l-qorti b'mod indipendenti mill-persjoni politika, l-identità partikolari ta' suspettat kriminali u fatturi oħra simili. Intwera li l-prosekuturi li huma verament indipendenti huma assoċjati ma' livelli aktar baxxi ta' korruzzjoni⁽¹⁶⁾. Għalhekk, minħabba li l-korruzzjoni hija ta' detriment għat-tkabbir, din tista' tiġi interpretata bħala evidenza indiretta li l-prosekuturi indipendenti, bħala komponent wieħed mill-istat tad-dritt, iwasslu għal tkabbir ekonomiku.

⁽⁸⁾ Feld, L. P., & Voigt, S. (2003) *Economic growth and judicial independence: cross-country evidence using a new set of indicators*, European Journal of Political Economy, 19(3), pp. 497-527.

⁽⁹⁾ Voigt, S., Gutmann, J., & Feld, L. P. (2015) *Economic growth and judicial independence, a dozen years on: Cross-country evidence using an updated set of indicators*, European Journal of Political Economy, 38, pp. 197-211.

⁽¹⁰⁾ Voigt, S. (2008) *The economic effects of judicial accountability: cross-country evidence*, European Journal of Law and Economics, 25(2), pp. 95-123.

⁽¹¹⁾ Hayo, B., & Voigt, S. (2014) *The relevance of judicial procedure for economic growth*, CESifo Economic Studies, 60(3), pp. 490-524.

⁽¹²⁾ Mauro, P. (1995) *Corruption and growth*, The quarterly journal of economics, 110(3), pp. 681-712.

⁽¹³⁾ Gupta, S., De Mello, L., & Sharan, R. (2001) *Corruption and military spending*, European journal of political economy, 17(4), pp. 749-777.

⁽¹⁴⁾ Mauro, P. (1998) *Corruption and the composition of government expenditure*, Journal of Public economics, 69(2), pp. 263-279.

⁽¹⁵⁾ Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (2015) *Consequences of Corruption at the Sector Level and Implications for Economic Growth and Development*, Paris: OECD Publishing.

⁽¹⁶⁾ Van Aaken, A., Feld, L. P., & Voigt, S. (2010) *Do independent prosecutors deter political corruption? An empirical evaluation across seventy-eight countries*, American Law and Economics Review, 12(1), pp. 204-244.

6.10 Fl-aħħar nett, eja nħarsu lejn l-effiċjenza ġudizzjarja, filwaqt li niftakru fil-proverbju li jintuża ta' spiss li ġustizzja mdwema hija ġustizzja miċħuda. Wieħed mill-aktar studji impressjonanti fil-qasam jiffoka fuq l-Indja⁽¹⁷⁾. Id-differenzi fid-dewmien tal-qrati jitreggħu lura fuq miżuri ta' output fl-agrikoltura, l-industrija u s-settur tas-servizzi. Dan juri li d-dewmien ġudizzjarju għandu effett negattiv fuq it-*tkabbir* tal-output f'kull wieħed mit-tliet setturi tal-ekonomija.

7. Implikazzjonijiet ta' politika possibbli

L-għodod eżistenti tal-UE

7.1 Il-KESE talab li jittejjbu l-għodod għad-dispożizzjoni tal-UE biex jiġi miġġieled ir-rigress fir-rigward tal-valuri fundamentali tal-UE⁽¹⁸⁾. Il-KESE jilqa' l-isforzi tal-Kummissjoni Ewropea u ta' istituzzjonijiet oħra biex jiġu żviluppati għodod xierqa bil-għan li jiġu difiżi l-valuri tal-UE u tiġi promossa kultura tal-istat tad-dritt. Madankollu, il-KESE jqis li l-għodod eżistenti, bħall-Artikolu 7 tat-TUE u l-Qafas tal-Istat tad-Dritt u l-proċedura ta' ksur, it-Tabella ta' Valutazzjoni annwali tal-Ġustizzja tal-UE u l-Mekkaniżmu l-ġdid tal-Istat tad-Dritt, xorta jistgħu jittejjbu u għandhom ikunu kkomplementati b'miżuri ffukati fuq l-istat tad-dritt, iżda immirati b'mod aktar effettiv lejn kunsiderazzjonijiet ekonomiċi.

7.2 Fis-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni Ewropea qieset ir-rilevanza tal-istat tad-dritt għall-ambjent kummerċjali fl-isforz tagħha biex tippromovi riformi strutturali li jtejjbu t-*tkabbir* f'oqsma bħal sistemi tal-ġustizzja effettivi u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Attwalment, il-kontribut għat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE joriġina prinċipalment minn dawk li jfornu s-servizzi tal-ġustizzja bħall-ministeri tal-ġustizzja, l-assoċjazzjonijiet tal-imħallfin, il-kunsilli ġudizzjarji, eċċ. B'mod kurjuż, l-assenti huma dawk li jitolbu s-servizzi ġudizzjarji, li jistgħu joffru suġġerimenti siewja dwar kif jistgħu jittejjbu d-diversi sistemi tal-ġustizzja. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSĊ), kif ukoll l-imsieħba soċjali, jistgħu jassumu rwol importanti fil-medjazzjoni tal-informazzjoni. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tenfasizza aktar malajr ir-rilevanza tal-istat tad-dritt bħala wieħed mill-elementi ewlenin li jirfed ekonomija kompetittiva u sostenibbli. L-indikaturi tal-istat tad-dritt għandhom jiġu inkorporati b'mod aktar viżibbli u jinkludu kwistjonijiet bħaċ-*ċertezza* legali u l-*aċċess* għal rimedji min-negozji u l-ħaddiema. Għandhom isiru sforzi biex tittejjeb il-proċedura ta' segwitu bil-*ħsieb* ta' implimentazzjoni aħjar tar-rakkomandazzjonijiet. Il-KESE jirrakkomanda li jinħolqu proċessi nazzjonali ta' reviżjoni ta' segwitu, li jinkludu rappreżentanti mis-soċjetà ċivili u l-imsieħba soċjali, u li l-involvement ġenerali tal-OSĊ u tal-imsieħba soċjali jiżied matul il-proċess sħiħ tas-Semestru.

7.3 Il-proċess ta' rieżami annwali tal-istat tad-dritt tal-UE għandu jsir bl-aktar mod miftuħ possibbli biex jiġi żgurat li s-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea jiġu diskussi pubblikament kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak Ewropew, u jiġu segwiti minn miżuri speċifiċi biex jiġu indirizzati l-inċidenti u x-xejriet negattivi. Il-Kummissjoni Ewropea għandha żżid l-involvement tal-OSĊ peress li ħafna drabi jkunu huma l-ewwel li jbatu meta l-istat tad-dritt ikun mhedded u għalhekk jistgħu jservu bħala "allarm kontra n-nirien"⁽¹⁹⁾. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tieħu wkoll miżuri rigward ir-ritaljazjoni kontra l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili minħabba l-parteċipazzjoni tagħhom fil-proċess. Il-KESE ppropona forum annwali tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, li jikkontribwixxi għaċ-*ċiklu* ta' reviżjoni. Jinsab lest li jikkontribwixxi għal dan il-proċess u li jiżgura rappreżentanza wiesgħa tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inkluż dawk li jirrapreżentaw l-interessi soċjoekonomiċi bħall-imsieħba soċjali.

7.4 Il-KESE diġà laqa' l-proposta tal-Kummissjoni biex jiġi protett il-baġit tal-Unjoni f'każ ta' nuqqasijiet iġġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri. F'dan ir-rigward, il-KESE appoġġja l-proposta li l-Istati Membri jirċievu fondi tal-UE bil-kundizzjoni li jirrispettaw il-prinċipju tal-istat tad-dritt, u ħaseb li din il-kundizzjonalità tista' tiġi estiża għall-prinċipji l-oħrajn marbuta mal-istat tad-dritt stabbiliti fit-Trattati tal-UE⁽²⁰⁾.

(17) Chemin, Matthieu (2009) *Do judiciaries matter for development? Evidence from India*, Journal of Comparative Economics 37: pp. 230-250.

(18) ĠU C 282, 20.8.2019, p. 39.

(19) Il-paragun bejn pattulji tal-pulizija u allarmi tan-nar fl-aġenti ta' monitoraġġ ġie propost f'McCubbins, M. D., & Schwartz, T. (1984) *Congressional oversight overlooked: Police patrols versus fire alarms*, American journal of political science, pp. 165-179.

(20) ĠU C 440, 6.12.2018, p. 106.

Reazzjonijiet ta' politika ulterjuri possibbli

7.5 Minħabba li livell għoli ta' stat tad-dritt huwa valur fundamentali tal-UE u għandu wkoll effetti pożittivi fuq it-tkabbir ekonomiku, huwa essenzjali li l-UE tiegħu l-miżuri biex tissalvagwardja l-istat tad-dritt.

7.6 Dan l-aħħar, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) ħarġet għadd ta' deċiżjonijiet importanti li jiddefendu l-indipendenza ġudizzjarja. Minbarra r-raġunijiet legali mogħtija mill-qorti, hemm ukoll ġustifikazzjonijiet ekonomiċi fir-rigward tar-raġjuni għaliex l-azzjoni mill-istituzzjonijiet tal-UE hija ġġustifikata. Biex jiffunzjona tajjeb, is-suq uniku jeħtieġ li jibbaża ruħu fuq qafas legali trasparenti u stabbli li jkopri wkoll l-infurzar tar-regoli komuni, peress li l-qrati nazzjonali għandu jkollhom fiduċja li l-qrati minn Stati Membri oħra huma impenjati bl-istess mod biex jirrispettaw il-valuri li fuqhom hija bbażata l-UE.

7.7 Il-kunċett ta' spazju ġudizzjarju uniku Ewropew huwa importanti għan-negozji peress li jippermetti li d-deċiżjonijiet tal-qrati li jittieħdu fi Stat Membru wieħed jiġu applikati f'ieħor. Biex dan il-proġett jirnexxi, huwa kruċjali li l-qrati kollha fl-Unjoni Ewropea jkunu indipendenti. Jekk dan ma jkunx jista' jiġi ggarantit aktar, l-ispażju ġudizzjarju uniku Ewropew mhux biss se jibqa' inkomplet iżda se jonqos ukoll. Il-Kummissjoni jeħtieġ li tiżgura li l-prinċipju tal-indipendenza ġudizzjarja jiġi rrispettat fl-Istati Membri kollha sabiex l-idea ta' spazju ġudizzjarju Ewropew uniku u moviment liberu tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji ssir realtà.

7.8 Kull stat nazzjon jixtieq ikun kredibbli u favur l-investituri, filwaqt li joffri impenji kredibbli lil investituri potenzjali. Is-sħubija tal-UE tipprovdi benefiċċji ċari lill-Istati Membri kollha peress li tippermetti lill-Istati Membri kollha, irrispettivament mill-istorja ekonomika jew politika tagħhom, biex jagħmlu impenji li huma aktar kredibbli. F'dak is-sens, is-sħubija tal-UE tista' tkun siewja ħafna għall-membri *sakemm jiġi ssanzjonat in-nuqqas ta' konformità mar-regoli bażiċi*. Mingħajr sanzjonijiet, il-valur tas-sħubija għall-membri konformi kollha se jitnaqqas.

7.9 Fi kliem ieħor, l-Istati Membri mhux konformi joħlqu esternalitajiet negattivi għall-Istati Membri konformi. Dan minħabba li kull darba li gvern ta' Stat Membru ma jaġixx skont il-wegħdiet li għamel meta sseieħb fl-UE u tali nuqqas ta' konformità jibqa' ma jiġix issanzjonat, il-kredibbiltà tad-dritt tal-Unjoni se ssofri fl-Istati Membri kollha. Għalhekk, il-valur li pajjiż ikun Stat Membru tal-UE jitnaqqas, peress li maż-żmien dan mhux se jibqa' sinjal ta' kredibbiltà. Għalhekk, l-insistenza fuq il-konformità mal-valuri bażiċi tal-UE hija ġġustifikata bis-sħiħ.

7.10 Bosta deċiżjonijiet huma rilevanti b'mod dirett għaċ-ċittadini kollha tal-Istati Membri tal-UE. Jekk id-drittijiet tal-vot tal-Istati Membri li huma mmexxija minn awtokrati promettenti, li b'mod sistematiku jiksru l-istat tad-dritt, ma jiġux sospiżi, dawn l-awtokrati promettenti se jitħallew jieħdu sehem fit-teħid tad-deċiżjonijiet li jaffettwa b'mod dirett liċ-ċittadini kollha tal-UE. Dan issejjaħ b'mod adegwat "nuqqas demokratiku ieħor" tal-Ewropa ⁽²¹⁾.

7.11 Fi kliem ieħor, ġustifikazzjoni oħra għal intervent mill-UE hija l-esternalitajiet negattivi li jinħolqu minn gvernijiet awtokratiċi promettenti li ma jestendux biss lil hinn mill-fruntieri tal-Istat nazzjon tagħhom, iżda jħallu impatt fuq kull ċittadin tal-Istati Membri tal-UE. Fil-qosor, l-interventi li jkollhom l-għan li jżommu jew jistabbilixxu mill-ġdid ir-rispett għall-istat tad-dritt huma ġġustifikati bis-sħiħ.

7.12 Mezz wieħed biex jiġi appoġġjat u promoss l-istat tad-dritt huwa li jiġu appoġġjati l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-midja. Il-kapaċità taċ-ċittadini li joħlqu assoċjazzjonijiet, jiltaqgħu u jesprimu lilhom infushom b'mod liberu, kif ukoll il-libertà tal-mezzi ta' komunikazzjoni, huma elementi essenzjali tal-istat tad-dritt bħala parti mill-kontrolli biex il-gvernijiet jinżammu responsabbli. Spazju ċiviku li qed jiċkien jaffettwa wkoll il-kapaċità tal-kumpaniji u l-ħaddiema biex jistabbilixxu lilhom infushom, jassoċjaw ruħhom b'mod liberu, u jinnowaw. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili huma wkoll attur ekonomiku importanti, filwaqt li jikkontribwixxu għal kważi terz tal-impjegi fl-UE ⁽²²⁾, u jipprovdu servizzi li huma fundamentali għat-tkabbir ekonomiku, bħal fil-qasam tal-edukazzjoni, is-saħħa u l-protezzjoni soċjali. Il-KESE jtenni t-talba tiegħu biex jingħata appoġġ attiv tal-UE lill-imsieħba soċjali u lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-UE, u b'mod partikolari li jiġi żviluppat fond tal-UE li joffri appoġġ finanzjarju għal każijiet ta' tilwim relatati mal-ksur tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, immirat lejn l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili ⁽²³⁾.

⁽²¹⁾ Kelemen, R. D. (2017) *Europe's other democratic deficit: National authoritarianism in Europe's Democratic Union. Government and opposition*, 52(2), pp. 211-238.

⁽²²⁾ Working paper No 13/2016 *The Size and Scope of the European Third Sector*, p. 8.

⁽²³⁾ ĠU C 62, 15.2.2019, p. 178.

7.13 Hemm bosta raġunijiet għaliex l-istat tad-dritt għandu jiġi difiż, kemm mill-Istati Membri kif ukoll mill-istituzzjonijiet tal-UE. Jidher li l-pubbliku ġenerali f'bosta Stati Membri jrid jiġi sensibilizzat aktar dwar l-importanza kruċjali tal-istat tad-dritt kemm bħala valur fundamentali kif ukoll bħala ingredjent vitali għat-*tkabbir ekonomiku*. Għalhekk, wieħed mill-modi indiretti biex jiġi difiż l-istat tad-dritt jista' jkun li tiżdied is-sensibilizzazzjoni dwar kemm dan huwa kruċjali fost il-pubbliku ġenerali fid-diversi Stati Membri. Il-KESE diġà appella għal kampanja ta' sensibilizzazzjoni fil-forma ta' strateġija ta' komunikazzjoni deliberata ⁽²⁴⁾. L-UE jeħtieġ li tinvesti f'kampanji ta' informazzjoni biex tippromovi l-istat tad-dritt u tieħu miżuri b'mod urġenti biex tappoġġja midja ħielsa.

Brussell, it-18 ta' Settembru 2020.

Luca JAHIER
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

⁽²⁴⁾ ĠU C 282, 20.8.2019, p. 39, rakkomandazzjonijiet 1.11.